**Fehim mis-Smigħ 6**

Jekk wieħed iżur il-Birgu, waħda mit-tlett ibliet tal-Kottonera, mill-ewwel jinduna li din hija belt antika u li għandha post importanti fl-Istorja ta' Malta. Ftit għadu jeżisti mill-bini oriġinali tal-kastell medjevali li kien inbena fil-ponta tal-Birgu għax meta ġew il-kavallieri fl-1530 għamlu bosta tibdiliet fih. Il-Gran Mastru beda joqgħod fil-kastell u jagħmel użu mill-kappella tas-seklu 15 li kienet iddedikata lil Sant'Anna.

Maqtugħ fil-blat qrib ħafna tal-foss li jifred il-Forti Sant Anġlu mill-Birgu hemm ħabs li fih kienu jinżammu l-ilsiera meta x-xwieni kienu jkunu fil-port. Mal-ħitan ta' dan il-ħabs hemm imnaqqxin bosta graffiti, fosthom armi tal-Kavallieri ta' San Ġwann u xi skrizzjonijiet. Akne xi kavallieri li kienu ħatja ta' xi reat ġieli nżammew hawnhekk. Sas-seklu dsatax dan il-post kompla jintuża  bħala ħabs.

Il-Kavallieri dawru l-Birgu bi swar b'saħħithom u meta tħares lejhom mill-baħar aktar jidhru maetużi. Mhux ta' b'xejn li t-Torok qatt ma reġgħu ħabtu gal Malta!

Fil-qalba ta' din il-belt insibu l-bereġ li fihom kienu jgħixu l-kavallieri. Insibu wkoll palazz li nbena minnhom ukoll biex iservi bħala l-qorti ċivili imma meta nbiet il-belt Valletta u l-Kavallieri mxew lejn il-belt il-ġdida, Valletta, dan il-bini spiċċa battal u ingħata lill-inkwiżitur. Hekk dan il-palazz beda jissejjaħ il-Palazz tal-Inkwiżitur. L-ewwel wieħed li daħal jgħix f'dan il-palazz kien Pietro Dusina, l-ewwel inkwiżitur għal Malta fl-1574. L-inkwiżitur kien uffiċjal tal-organizzazzjoni tal-Inkwiżizzjoni – li riedet teqred l-ereżijiet u affarijiet oħra li jmorru kontra t-tagħlim tal-fidi Kattolika.

Il-knisja parrokjali tal-Birgu hija l-Knisja ta' San Lawrenz.

Hemm ħafna aktar x'wieħed jgħid dwar il-Birgu imma għal-lum biżżejjed.

Il-Belt Valletta 2018

Jekk wieħed jaqbad il-lanċa mill-Birgu u jaqsam in-naħħa l-oħra tal-Port ma jdumx ma jasal taħt is-swar tal-Belt Valletta. Din il-penisola hija akbar mill-Birgu u tinsab bejn l-aktar żewġ portijiet importanti ta' Malta, il-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett. Waqt li l-lanċa tkun riesqa lejn il-Belt, wieħed ma' jistax ma jinnotax il-koppla tal-Knisja tal-Karmnu u l-kampnar tal-Katidral Anglikan ta' San Pawl. Dawn it-tnejn flimkien jiddominaw il-veduta.

Mal-wasla wieħed jinżel mil-lanċa u jitla taraġ li jwassal sewwa sew fit-triq prinċipali. Din it-triq iddur mal-belt. Biex wieħed jidħol fil-qalba tal-Belt kull ma jrid jagħmel huwa li jaqsam Triq il-Mediterran u u jibda tiela 'l fuq minnha. Ma jimpurtax liema triq jieħu għax il-belt tagħna hija ppjanata tant tajjeb li t-toroq kollha, mix-xatt iwassluk għall-qalba tal-belt. Francesco Laparelli iddisinjaha l-pjanta tal-belt forma ta' gradilja għalhekk it-toroq kollha jwassluk fl-istess triq, Triq ir-Repubblika. Diffiċli wieħed jintilef fil-Belt Valletta.

Dawn l-aħħar għoxrin sena sar bosta xogħol ta' restawr fil-Belt Valletta. L-aktar biċċa xogħol kbira kienet id-daħla u l-bini ta' Parlamnet ġdid kif ukoll rinovazzjoni tat-teatru l-imwaqqa' fuq il-pjanta ta' l-arkitett famuż Renzo Piano. L-aħħar xogħol li sar huwa fuq il-Funtana tat-Tritoni. Din is-sena 2018 din il-Belt qed tirrappreżenta Il-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura.

Eżami ta’ Nofs is-Sitt Sena tal-Primarja

Il-Malti 2018

L-Eżami tal-Fehem mis-Smigħ,
Qari u Kitba

Isem u Kunjom ______________________________

L-Iskola______________________________________

Għall-użu tal-għalliema:

| Il-Marki | | |
|---|---|---|
| Il-Qari | 30 | |
| Il-Kitba | 30 | |
| Is-Smigħ | 20 | |
| It-Taħdit | 20 | |
| Total | 100 | |

L-Ewwel Silta Eżami tas-Smigħ Bliet u rħula Maltin

*(10 marki)*

**Taħriġ A**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi timmarka l-kaxxa t-tajba.**

L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| 1) Din is-silta hija dwar il-Birgu | Veru | √ |
| | Falz | |
| | Ma ssemmiex | |

| | | |
|---|---|---|
| 2) Il-Birgu hija waħda mit-tlett ibliet tal-Kottonera. | Veru | |
| | Falz | |
| | Ma ssemmiex | |

| | | |
|---|---|---|
| 3) Fil-foss insibu ħabs antik fejn kienu jinżammu l-ilsiera. | Veru | |
| | Falz | |
| | Ma ssemmiex | |

| | | |
|---|---|---|
| 4) Graffiti huma tinqix ta’ kliem jew figuri fil-ħajt. | Veru | |
| | Falz | |
| | Ma ssemmiex | |

| | | |
|---|---|---|
| 5) Fil-Birgu nsibu il-Palazz tal-Inkwiżitur. | Veru | |
| | Falz | |
| | Ma ssemmiex | |

| | | |
|---|---|---|
| 6) Il-Palazz fih seba’ kmamar. | Veru | |
| | Falz | |
| | Ma ssemmiex | |

**Taħriġ B**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.**

L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Birgu hija waħda | | ddedikata lil San Lawrenz |
| 2 | Din is-silta hija waħda | | ddedikata lil Sant'Anna |
| 3 | Fiċ-ċentru ta' din il-belt | | inbena mill-kavallieri. |
| 4 | Il-Palazz tal-Inwiżitur | | insibu l-bereġ. |
| 5 | Il-kappella medjevali hija | | informattiva. |
| 6 | Il-knisja parrokjali hija | 1 | mit-tlett ibliet tal-Kottonera. |

**It-Tieni Silta** **Il-Belt Valletta** **(10 marki)**

**Taħriġ A**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel marka fil-kaxxa skont dak li smajt fis-silta.**

L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| 1) Mill-Birgu għal Belt bil-lanċa | tasal malajr. | √ |
| | iddum ħafna. | |
| | ma tistax tmur. | |

| | | |
|---|---|---|
| 2) Il-belt kapitali tal-Malta hija | il-belt | |
| | il-Birgu | |
| | Valletta | |

| | | |
|---|---|---|
| 3) Il-Belt tinsab bejn il-Port il-Kbir | u l-port ta’ Marsamxett. | |
| | u l-Birgu. | |
| | u l-Kalkara. | |

| | | |
|---|---|---|
| 4) It-toroq kollha mix-xatt | dojoq ħafna. | |
| | maħmuġin. | |
| | iwasslu għal qalba tal-belt. | |

| | | |
|---|---|---|
| 5) L-Arkitett li ppjana l-Belt fi Żmien il-kavalieri kien | Adrian Muscat | |
| | Renzo Piano | |
| | Francesco Laparelli | |

| | | |
|---|---|---|
| 6) L-2018 hija data speċjali għal Belt għax | rebħet il-legue tal-futbol. | |
| | fetħu bosta ħwienet ġodda. | |
| | hija l-Belt Kapitali tal-Kultura. | |

**Taħriġ B**

**Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**

L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.

1. Din hija silta informattiva dwar Il-Belt Valletta.
2. Il-Port il- ______________ u l-Port ta' ______________ idawru l-Belt Valletta.
3. Renzo Piano huwa l-_______________ responsabbli mit-tisbieħ tad-daħla tal-Belt.
4. __________________ l-imwaqqa ġie rinovat tassew tajjeb.
5. Dan l-aħħar il-Funtata ____________________ ġiet restawrata wkoll.

**Aqra dan ir-reklam u wieġeb il-mistoqsijiet.**

Id-Dramm Mużikali ‘*My Fair Lady*’ issa wasal!

Se jittella’ fit-Teatru Manoel

B’kollaborazzjoni mal-Orkestra Nazzjonali ta’ Malta

Nhar il-Ġimgħa 30 ta’ Marzu 2018 fis-18:30

Jieħdu Sehem

L-aqwa atturi, kantanti u żeffiena Maltin

Bil-parteċipazzjoni tal-kor tat-tfal tal-iskola

Tereża Nuzzo taħt id-direzzjoni ta’ Miss Edwina Cini.

Il-Biljetti: €30 €20 €10

Ibbukja billi:

ċċempel fuq 21246389

jew

tidħol fuq is-sit elettroniku www.teatrumanwelbiljetti.com

Wieġeb:

1) Ir-reklam jitratta dwar
   a) serata varjata
   b) dramm mużikali
   c) serata ta' mużika operistika

2) Id-Dramm se jsir
   a) ġo Pjazza Manoel
   b) fit-Teatru Manoel
   c) l-Italja

3) Jipparteċipaw
   a) L-għalliema kollha tal-Iskola Tereża Nuzzo
   b) Miriam Cauchi u Joseph Calleja
   c) Il-kor tat-tfal tal-iskola Tereża Nuzzo

Wieġeb billi tikteb sentenzi sħaħ:

4) Min jidderieġi l-Kor tat-Tfal?

________________________________________________________________

5) Meta se jsir dan il-kunċert u x'ħin jibda?

________________________________________________________________

6) Kemm huwa l-ogħla biljett?

________________________________________________________________

7) Kemm huwa l-irħas biljett?

________________________________________________________________

8) Semmi mod **wieħed** ta' kif tista' tibbukja l-biljett tiegħek.

________________________________________________________________

9) Sib aġġettiv minn dan ir-reklam.

________________________________________________________________

10) Għid ta' liema grad hu l-aġġettiv li sibt fin-numru 9.

________________________________________________________________

## It-Tieni Taqsima

**Nosservaw flimkien il-ġmiel tal-kampanja Maltija**

Iż-Żagħfran selvaġġ

Fil-ħarifa nħobb immur nimxi fil-kampanja u għalkemm ma tantx nara kwantità ta’ fjuri f’dan iż-żmien bħalma nara fir-rebbiegħa, xorta waħda nispiċċa ninnota numru ta’ pjanti interessanti li ma jirnexxilix narahom fi żmien ieħor tas-sena. (**par 1)**

Fost dawn il-pjanti nsibu ż-żagħfran selvaġġ, pjanta żgħira li **twarrad** ftit wara li tinżel l-ewwel xita tal-ħarifa u tibqa’ bil-fjuri sa Diċembru.

Din il-pjanta tħobb ix-xagħri u l-aktar li nsibuha huwa lejn it-tramuntana u l-majjistral ta’ Malta, speċjalment fuq l-irdumijiet ta’ Ħad-Dingli, l-Imtaħleb u l-Buskett. (**par.2)**




Fil-Mediterran insibu mill-inqas 24 speċi ta’ żagħfran, iżda minn dawn waħda biss tikber fil-kampanja Maltija. Speċi li tixbaħha tiġi kkultivata f’ħafna partijiet tal-Mediterran biex minnha jieħdu ż-żagħfran: trab isfar li fost affarijiet oħra jintuża f’xi mediċini, kif ukoll biex jagħti kulur isfar lil xi ikel bħalma hu r-ross.

Meta l-fjura tibda tinxef, tibda tifforma basla taħt il-ħamrija u tibqa’ rieqda matul is-sajf kollu sa ma tħoss l-ewwel xita u tibda ttella’ l-weraq. Il-basla jkun fiha l-ikel **maħżun** biex il-pjanta tkun tista’ tikber meta jasal l-istaġun tagħha. (**par 3)**

Iż-żagħfran selvaġġ hemm bżonn li jkun protett kemm jista' jkun malajr għax ma tantx għad baqa’ postijiet fejn jikber u malajr jista’ jiġi meqrud għal kollox minn gżiritna. L-akbar periklu li għandha din il-pjanta hu r-rimi tal-iskart tal-bini. Mhux l-ewwel darba li xi roqgħa pjanti tinqabad mirduma taħt munzell terrapien bla ebda tama li terġa’ tara d-dawl!

**(par 4)**

*(Marka kull waħda -8marki)*

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kemm qrajt**.

1. F'liema staġun jibda' jikber iż-żagħfran?

_______________________________________________________________

2. Fejn iħobb jikber dan il-fjur?

_______________________________________________________________

3. Kemm-il speċi ta' żagħfran insibu f'Malta?

_______________________________________________________________

4. Agħti użu wieħed għaż-żagħfran.

_______________________________________________________________

5. Fisser dawn il-kelmiet li jinsabu fis-silta:

   twarrad______________________ (par 2)

   maħżun______________________ (par 3)

6. Sin nom propju minn par. 2 _________________________
7. Sib nom fil-plural sħiħ minn par. 4 ______________________
8. Agħti s-singular ta'

   partijiet _____________________

9. Xi tfisser il-frażi 'bla ebda tama li terġa tara d-dawl' (par 4)

_________________________________________________________

It-Tieni Parti

Pjanta oħra li nnutajt li tikber f'dan iż-żmien hija l-basla tal-għansar (*Seaside squill*). Minn ġo basla li tkun midfuna fil-ftit ħamrija li wieħed isib fix-xagħri jibdew jispuntaw grupp ta' weraq ħodor skuri. Mhux l-ewwel darba li tara grupp sħiħ ta' dawn il-pjanti qed jikbru viċin xulxin. *(par. 1)*



Il-weraq jibqa' jikber matul ix-xitwa kollha u kull werqa tikber direttament minn ġol-basla u tista' tlaħħaq sa 50 ċentimetru. Minn qalb il-weraq joħroġ zokk twil twil li jilħaq il-mija u ħamsin ċentimetru. Ma dan iz-zokk, fit-tarf tiegħu jikbru wkoll il-blanzuni tal-fjuri. *(par. 2)*



Fis-Sajf, meta l-fjuri jiftħu jkollhom forma ta' stilla bajda b'sitt petali l-waħda. Fuq kull petala nsibu strixxi ħamranin. Meta l-fjura tidbiel, il-petali ma jaqgħux bħal ma jagħmlu f'bosta fjuri oħrajn imma jerġgħu jagħlqu bħal meta kienu għadhom blanzuni. B'hekk fuq l-istess zokk ikollok fjuri li wħud minnhom għadhom blanzuni, oħrajn miftuħin, filwaqt li oħrajn diġa fetħu, għalqu u qed jiffurmaw frotta ċkejkna. *(par. 3)*

Meta din il-frotta ssir sewwa, issir lewn it-tiben u tinqasam fi tliet partijiet li minnhom joħorġu żrieragħ bil-ġwienaħ suwed. F'kull parti jkun hemm madwar 25 żerriegħa. Il-ġwienaħ jinqabdu bir-riħ li jgħinhom itiru 'l bogħod mill-pjanta oriġinali u b'hekk isibu post tajjeb fejn jitħawlu. *(par. 4)*

L-ewwel darba li toħroġ fil-kampanja ħares ftit madwarek u osserva s-sbuħija tal-ħolqien ma' kullimkien. Ara ftit kemm hemm weraq u fjuri rqaq, u tirfisx fuqhom għax inkella dak li ġie mogħti lilna b'xejn jittiħdilna u ma ngawduhx aktar! Ejjew flimkien napprezzaw l-ambjent ta' madwarna u nagħtu s-sehem tagħna biex inżommuh sabiħ! *(par. 5)*

**B) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek u fil-qosor.**

*(Marka kull waħda -8marki)*

1) Agħti l-isem Malti tal-pjanta li qed titkellem fuqha din is-silta.

___________________________________________________________________

2) Minn fejn joħroġ iz-zokk?

___________________________________________________________________

3) Fliema staġun tagħmel il-fjuri?

___________________________________________________________________

4) Aqta' linja taħt il-verbi fl-Imperattiv/Kmand f'din is-sentenza:

L-ewwel darba li toħroġ fil-kampanja ħares ftit madwarek u osserva s-sbuħija tal-ħolqien ma' kullimkien. *(par. 5)*

5) Mis-sentenza ta' numru 4 sib żewġ kelmiet li jirrimaw.

___________________________________________________________________

6) Agħti **l-għerq tal-verb** f'din is-sentenza:

Il-weraq **jibqa'** jikber matul ix-xitwa kollha............... (*par. 2)*

___________________________________________________________________

7) Oħroġ nom mill-verb *"***ħares".** (*par. 5)*

___________________________________________________________________

8) Aqta' linja taħt **il-partiċella** t-tajba f'din is-sentenza:

Meta mmorru fil-kampanja għandna nibżgħu **(għall- , għal- , għal)** ambjent ta' madwarna u nieħdu ħsiebu.

**Ċ) Aħdem dawn il-mistoqsijiet fuq il-kampanja Maltija.** *(4 marki)*

1) Ikteb żewġ sentenzi fuq il-kampanja Maltija.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2) Għaliex taħseb li m'għandniex naqtgħu l-fjur selvaġġ li jikber fil-kampanja Maltija?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**L-Eżami tal-Kitba**
**Kitba qasira**

## Logħba ġdida

Ħanut tal-kompjuters ġab logħba ġdida għal fuq il-PS4. Ikteb reklam fuq il-gazzetta biex in-nies isiru jafu dwarha u jixtruha.

Pjan: Qabel tibda aħseb ftit. X'toffri din il-logħba? Għal min hi addattata? X'għandha speċjali? Għaliex għandek tixtriha?

Kitba Itwal

## **Kompli din l-istorja...**

Pierre resaq lejn il-bieb tal-kantina għax sema ħoss stramb u kif wasal qrib infetaħ waħdu. Pierre ġietu kurżità u ...

X'għamel? Iddeskrivi x-xena minn ħdejn il-bieb (x'ra, x'xamm, x'sema', x'ħass, x'atmosfera kien hemm?)

Pierre baqa' dieħel ........

Oħloq storja **fil-kantina**.

(X'ġara? X'ra? x'xamm, x'sema, x'ħass, x'atmosfera kien hemm?)

Kif spiċċat? Ħażin jew b'wiċċ il-ġid?

Pierre resaq lejn il-bieb tal-kantina għax sema' ħoss stramb u kif wasal qrib infetaħ waħdu...

Ikteb il-pjan biex tkompli l-istorja

Uża dan l-ispazju biex tkompli l-istorja tiegħek.